KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 10

**It-Tnejn 23 ta' Marzu 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fil-5:30 ta' filgħaxija. Minħabba restrizzjonijiet ta' saħħa fir-rigward ta' Covid-19, kien hemm qbil li din il-laqgħa għandha tinzamm permezz ta' Confracall.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 10.1 Qari tal-Apoloġiji

10.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 09

10.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) prezentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

10.2.2 Fuq suġġeriment mis-Sindku kien hemm qbil li l-aħħar parti ta' para 9.3.8, is-sentenza għandha titwaqqaf mal-kliem 'DPO tal-Kunsill'.

10.2.3 Il-minuti tas-seduta numru 9 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 10.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku informa li l-AKL kienet qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha sabiex toffri servizz ta' paġna ta' facebook fejn minnha l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu joffru għajnuna u informazzjoni uffiċjali lir-residenti tagħhom. Il-paġna l-ġdida tal-Imtarfa jisimha YouSafeMtarfa u hawnhekk huwa talab lill-Kunsilliera kollha sabiex iħeġġu lir-residenti sabiex jibqgħu d-dar u biex jirriklamaw kemm jistgħu din il-paġna. Huwa qal ukoll li l-Kunsilli Lokali se jibqgħu miftuħin għar-residenti biex dawk is-servizzi li jistgħu jingħataw b'mod diġitali, jibqgħu għaddejjin. Huwa semma' li preferibbilment kull Kunsill Lokali kellu jopera bi skeleton staff sabiex inaqqas ir-riskju ta' mard. Hawnhekk is-SE infurmat li fil-kaz tagħna, il-Kunsill diġà kien qed opera b'dan il-mod sa ċertu punt minħabba li kien hemm skrivana bil-*long sick leave* u oħra bil-*parental leave*.

10.3.2 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kienx hemm xi aħbar dwar l-offerta ta' Ġnien is-Sinjura. Is-SE infurmat li kienet se tieħu ħsieb li tibgħat tfakkira.

10.3.3 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-Kap Ezekuttiv (KE) tal-Awtorità tad-Djar (HA) u li kienu tkellmu dwar il-problema ta' Binja Qlejgħa fost oħrajn fejn kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġib BOQ mingħand il-periti tiegħu sabiex titranġa s-sitwazzjoni tal-parkeġġ. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill għandu jara l-possibbiltà ta' struttura li toffri multi *level parking* fl-istess parkeġġ.

10.3.4 Is-Sindku informa wkoll li kien informa lill-KE tal-HA dwar il-pjanijiet li kellu l-Kunsill għall-art ta' quddiem il-Gym fejn kien hemm il-ħsieb li jsir parkeġġ għar-residenti. Huwa talbu sabiex jivverifika jekk kienx hemm xi ftehim mal-Klabb tad-Depiro u jekk kien hemm, jekk dan kienx għadu fis-seħħ jew skada.

10.3.5 Huwa kompla wkoll li kienet intbagħatet korrispondenza lill-istess KE tal-HA dwar il-*mezzanine* ta' ħdejn il-*barracks* sabiex possibbilment jinkera mill-Kunsill Lokali fin-nuqqas ta' *store*.

10.3.6 Is-Sindku informa wkoll li kien kitiblu l-Onorevoli Chris Agius dwar bzonn li jinstab post għall-Assoċjazzjoni tal-Għomja u għaldaqstant kien ħa l-okkazjoni sabiex jinfurmah dwar il-binja magħrufa bħala 'tal-Karnival', anke fid-dawl ta' gruppi ta' nies li għadhom jiltaqgħu f'din iz-zona fil-weekend meta suppost li .

## 10.4 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/005/2019 (*Finishes at Visitors Centre*)

10.4.1 Is-SE infurmat li dan l-item kien tpoġġa bi zball għaliex diġà saret l-aġġudikazzjoni fil-laqgħa preċedenti.

Min-naħa tal-Kunsill staqsew dwar x'ġara fir-rigward tal-kuntratt tal-iskavar u bini tal-visitors centre. Hija infurmat li b'mod verbali l-kuntrattur kien aċċetta imma minħabba l-kwistjoni ta' Covid-19 kien għadu ma bagħtx il-konferma bil-miktub anke għaliex kien inkwetat li jekk ikun hemm lock down se jkollu madwar €60,000 f'garanziji marbuta għalxejn. Min-naħa tal-Kunsill xorta waħda qabel li s-SE għandha terġa' tagħmel kuntatt miegħu u titolbu biex jikkonferma bil-miktub biex jinbeda x-xogħol.

Sadanittant infurmat li l-voluntier Charles Pace kien beda jzarma l-makna tal-arloġġ sabiex inaddafha u jizbogħha filwaqt li l-kuntrattur tar-restawr kien għaddej jibdel il-ġebel fuq barra u fuq ġewwa.

## 10.5 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/006/2019 (*M&E's at Visitors Centre)*

10.5.1 Is-SE infurmat li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni kien għadu ma ltaqax u kien hemm qbil li se ssir l-evalwazzjoni b'mod individwali mir-residenza tiegħu u ssir *conference call* jekk ikun hemm bzonn.

10.5.2 L-approvazzjoni tar-rapport tal-aġġudikazzjoni se ssir waqt il-laqgħa li jmiss.

10.5.3 Sadanittant hawnhekk is-SE infurmat li kienet se tibgħat kommunikazzjoni lill-PPCD sabiex jikkunsidraw li jestendu d-*deadline* tal-proġett minħabba li f'kaz ta' lock down b'mod speċjali, mhux possibbli li nipproċedu b'ċertu xogħlijiet.

## 10.6 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/008/2019 (*Supply of luminaires and light fittings at Visitors Centre*)

10.6.1 Is-SE infurmat li ma kinitx għadha saret l-evalwazzjoni tal-offerta għaliex kien hemm xi kjarifiċi u għaldaqstant dan l-*item* kien se jerġa' jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

## 10.7 Jum l-Imtarfa

10.7.1 Kien hemm qbil li fiċ-ċirkostanzi Jum l-Imtarfa m'għandux jinzamm din is-sena minħabba l-problema tal-Covid-19. Min-naħa l-oħra, kemm-il darba jinbidlu l-affarijiet sa dak iz-zmien, l-amministrazzjoni kellha l-kwotazzjonijiet kollha *in hand* biex jekk ikun għadu zmien u jkun possibbli, l-attività tittalla'.

## 10.8 Kommunikazzjonijiet min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rapprezentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

10.8.1 Hawnhekk is-SE ħadet spunt biex tinforma lill-Kunsill u lill-Kunsillier Mifsud li hija kienet skuzat ruħha għal 4 minn 6 laqgħat u għaldaqstant formalment staqsietha jekk tixtieqx li zzomm postha. Min-naħa tagħha, il-Kunsillier Mifsud infurmat li iva.

10.8.2 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li Reġjun Tramuntana kien qed joffri li jipprovdi u jinstalla zewġ CCTV Cameras fil-lokalità. Il-Kunsill qabel li dawn iz-zewġ *cameras* għandhom jitwaħħlu mal-BIS ta' Triq Gregorio Carafa u dik ta' Triq ir-Reġimenti Maltin. Is-Sindku semma' li fil-weekends qed ikun hemm akkumulu ta' kaxxi godda hdejn il-bring in sites. Kien hemm qbil li s-SE ghandha tkellem lis-sidien tal-hwienet tal-ikel biex jekk qed jaghmlu dan l-aġir illegali, dan jitrazzan b'mod immedjat.

10.8.3 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li r-Reġjun qed jaħdem biex jorganizza kemm festivals kif ukoll attivitajiet oħra għalkemm minħabba l-kwistjoni tal-Covid-19 dawn setgħu jiġu posposti.

## 10.9 Punti Oħra

10.9.1 Is-SE infurmat li hemm il-ħtieġa li jinbidlu l-internet keys tal-bank (BOV) minħabba li kienu *view only* u jiġu *updated* għal 24 *package mandate* sabiex fil-kaz ta' *lock down* ikunu jistgħu jinħarġu ċ-ċekkijiet tal-pagi u l-*allowances* tal-Kunsilliera kif ukoll xi pagamenti oħra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Kien hemm qbil ukoll li l-*User* għandha tkun is-Segretarju Ezekuttiv (Josette Micallef) filwaqt li l-*Business Administrator* għandu jkun is-Sindku (Dr Daniel John Attard), li huma wkoll iz-zewġ firmatarji.

10.9.2 Hawnhekk is- SE infurmat ukoll li fil-prezent fl-uffiċċju kienu qed ikunu hi u l-Assistent Prinċipali biss minħabba li hemm skrivana fuq *parental leave* u oħra li kienet *pregnant* u fuq avviz tat-tabib tagħha ma tistax toħroġ għalissa. Hija qalet li fiċ-ċirkustanzi, ix-xogħol għadu għaddej b'mod normali.

10.9.3 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Sammut Dimech kellha talba biex issir rampa minn Binja Buqana Blokka C għal fuq il-bankina. Is-SE għandha tieħu xi ritratti u tibgħat it-talba lill-awtoritajiet.

10.9.4 Is-SE u l-Kunsillier Sammut Dimech kienu ltaqgħu mas-Sur Vince Zammit, storiku, u rapprezentanta tal-MTA fir-rigward tal-*heritage trail* fejn hija infurmat li kienet se tiddiskuti din il-possibbiltà mas-superjuri tagħha skont l-abbozzi li tħejjew mis-Sur Zammit. Fir-rigward tal-filmat għat-torri tal-arloġġ, hija talbet lill-Kunsill jgħaddilha kwotazzjoni ħolistika biex tara jekk jistax ikun hemm xi tip ta' għajnuna finanzjarja min-naħa tal-MTA wkoll. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jiġbor kwotazzjoni għall-produzzjoni ta' filmat.

## 10.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti

10.10.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 10.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:10pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 23 ta’ April fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 23 ta’ April 2020.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv